**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2024**

**Rikors Numru: 75/2012 MLF**

**Anthony Sciberras**

**vs**

**Paul Bugeja**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasu s-somma ta' elfejn ewro (Ewro 2000) kif jirrizulta mill-iskrittura privata tas-27 ta' Gunju 2009, in konnessjoni mal-ftehim ta' "franchise" mieghu u ffirmat minnu, bhala sid tar-"Royal Motoring School", stante li ma qghadx ghall-kondijzzjonijiet tal-ftehim u kiser l-istess.

   Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2011, u l-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra, kontra l-intimat.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi preliminarjament ir-rikorrent ghandu jindika b'mod car liema mill-kundizzjonijiet imnizzla fl-iskrittura, li tinsab ezebita mar-rikors l-intimat allegatament kiser;

ii. Illi, eccipjenti dejjem osserva l-kundizzjonijiet tal-ftehim hawn fuq imsemmi u l-impjieg tieghu gie terminat mir-Royal Motoring School u mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu, u dan hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost b'referenza ghal klawzola numru 3 ta' l-istess skrittura, huwa principju ben assodat li f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg, l-employer ma jistax jimpedixxi lill-employee milli jmur jahdem f'xoghol li jkollu x'jaqsam ma' dak precedenti ghal zmien twil u eccessiv u per konsegwenza, tali kundizzjoni tmur kontra l-ispirtu tal-Ligi u d-dritt tax-xoghol. Huwa car u inekwivokabbli illi t-terminu stipulat f'din il-klawzola huwa eccessiv.

3. Rat ir-relazzjoni tal-espert Dr Martin Bajada nominat b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Jannar 2014, sabiex jipprezenta rapport bit-traskrizzjoni ta' sms's fuq il-mobile tal-attur.[1]

4. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur jiggestixxi skola tas-sewqan taht l-isem Royal Motoring Scool. Huwa xehed li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu il-konvenut jghallem is-sewqan taht dan l-isem u jhallas percentwal tal-mizata lill-attur. L-attur xehed li f'xi zmien kien inqala' dizgwid mal-konvenut kemm ghaliex il-konvenut ried jgholli l-mizata li jhallsu l-istudenti u anke fuq it-tabella li skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet kellha titwahhal fuq il-karozza sabiex tirreklama lid-ditta tal-attur. Spjega wkoll li filwaqt li l-ftehim kien li l-applikazzjonijet ghall-ezamijiet tas-sewqan kellhom jigu sottomessi ma' Transport Malta tramite l-attur, il-konvenut ma baqax jimxi ma' dan il-ftehim u beda jissottomettihom direttament hu. Xehed

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2014 a *fol.* 89 tal-process

li l-konvenut kellu jhallsu ta' disa' gimghat u cioe' mit-2 ta' Mejju 2011 sat-2 ta' Lulju 2011 u li minkejja diversi weghdiet il-konvenut baqa' qatt ma hallsu. Qal li wara li ma' baqax jahdem taht l-isem tad-ditta tieghu, il-konvenut kien ghamel tnejn u erbghin (42) bidla ta' skola ta' sewqan ghall-istudenti li kellu u li ghalhekk ma baqgghux irregistrati taht isem id-ditta tal-attur. Spjega li kull wiehed minn dawn l-istudenti kien ihallas €20 kull gimgha ghal total ta' €1,680 fil-gimgha.[2]

ii. Brian Farrugia, *Legal Officer* fi hdan Trasport f'Malta, xehed li t-talba ghal bdil ta' skola ta' sewqan issir mill-istudent fuq formola apposita tal-Awtorita'. Spjega li meta student ikun ser ipoggi ghall-ezami isir *booking* tramite l-iskola tas-sewqan u jithallas depozitu. Xehed li l-ghazla tal-iskola tas-sewqan hija tal-individwu u l-Awtorita' titlob biss li rapprezentant tal-iskola l-gdida jiffirma l-formola u jittimbraha biex jikkonferma li l-iskola qeghdha taccetta lil dak l-individwa bhala student.[3]

iii. B'ittra datata 17 ta' Gunju 2011 l-attur informa lil Transport Malta li l-konvenut ma kienx ghadu jirraprezenta l-iskola Royal Motoring School.[4] Fl-20 ta' Gunju 2011 gie mhallas depozitu ta' €139.50 ghal *booking* ta' ezamijiet tas-sewqan ghal sitt studenti fejn l-iskola tas-sewqan indikata kienet "Royal".[5] L-attur baghat ittra ohra lil Transport Malta datata 28 ta' Gunju 2011 bl-istess kontenut bhal dik tas-17 ta' Gunju 2011.[6] Permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju 2011 Transport Malta talbet lill-attur jindikalha min kien ser ikun l-*instructor* li ser jiehu il-hames studenti li kienu ibbukjaw l-ezami taht l-isem tal-iskola tieghu.[7] L-attur kien talab biex l-ezamijiet ta' dawn il-hames studenti jigu kkancellati.[8] B'ittra ohra datat 30 ta' Gunju 2011 l-attur talab biex l-ittri tieghu datati 17 ta' Gunju 2011 u 28 ta' Gunju 2011 jigu kkancellati.[9] Imbaghad b'ittra ohra datata 6 ta' Lulju 2011 l-attur rega' informa lil Transport Malta li l-konvenut ma kienx ghadu jirraprezenta l-iskola Royal Motoring School.[10]

---

[2] Ara l-affidavit tal-attur a *fol*. 14 u l-kontro-ezami tieghu a *fol*. 22 tal-process
[3] Ara x-xhieda ta' Brian Farrugia a *fol*. 56, fol. 90 u *fol*. 97 tal-process
[4] Ara Dok JP4 a *fol*. 135 tal-process
[5] Ara Dok TA1 a *fol*. 64 tal-process
[6] Ara Dok JP1 a *fol* 132
[7] Ara Dok JP2 a *fol*. 133 tal-process (jew Dok TA5 a *fol*. 95)
[8] Ara Dok JP3 a *fol*. 134 (jew Dok TA3 a *fol*. 93)
[9] Ara Dok TA1 a *fol*. 143 tal-process
[10] Ara Dok TA4 a *fol*. 94 tal-process

iv. Joseph Pace, *Executive* fis-sezzjoni tal-licenzji tas-sewqan fi hdan Transport Malta, xehed li minkejja li l-attur kien ghamel it-talba ghal dan il-kancellament, l-ezamijiet ghal dawn il-hames studenti kienu saru xorta wahda fid-data tal-1 ta' Lulju 2011, u kollha saru taht l-iskola Royal Motoring School. Ix-xhud spjega li l-Awtorita' ma jkollhiex informazzjoni dwar l-isem tal-*instructor* li jkun ha lill-applikant ghall-ezami, u lanqas id-dettalji tal-vettura li tintuza ghall-ezami.[11]

v. Gew sottomessi diversi formoli ma' Transport Malta kollha datati wara Lulju 2011 ghal bidla ta' skola ta' sewqan minn "Royal" ghal "XLR8".[12]

vi. Il-konvenut xehed li l-ftehim mal-attur kien li huwa jhallas lill-attur €50 fil-gimgha ghax-xoghol li l-attur kien jghaddi lill-konvenut. Bhala parti mill-ftehim, il-konvenut kellu jixtri vettura gdida u fuqha jwahhal tabella u *stickers* tar-Royal Motoring School. Xehed li meta kien ihallas lill-attur dan kien johroglu ricevuta li kienet tindika ammont differenti minn dak li huwa jkun hallas. Xehed li f'xi zmien meta l-prezz tad-diesel kien zdied, huwa talab lill-attur sabiex jirrivedu l-ftehim ta' bejniethom izda dan kien irrifjuta. Qal li wara dawn id-diskussjonijiet l-attur kien waqaf hesrem milli jghaddilu x-xoghol u ghalhekk hu kien iddecieda li l-applikazzjonijiet ghall-ezami tas-sewqan ma jghaddihomx tramite l-attur izda minflok beda johodhom hu direttament Transport Malta. Xehed li huwa kien hallas lill-attur sa April 2011 u waqaf ihallsu ghaliex l-attur ma baqax jghaddilu xoghol.

vii. Il-konvenut kompla jispjega li fil-jiem tat-30 ta' Gunju 2011 u l-1 ta' Lulju 2011 kien hemm numru ta' studenti li avzawh li l-attur kien cemplilhom u qalilhom li l-konvenut ma kienx ghadu jahdem mieghu u li l-ezami li kellhom skedat ghall-1 ta' Lulju 2011 kien gie kkancellat. Il-konvenut xehed li minkejja dan huwa xorta kien prezenti biex isiru l-ezamijiet. Spjega li huwa kien nehha l-i*stickers* tar-Royal Motoring School minn fuq il-vettura tieghu fit-3 ta' Lulju 2011 wara li l-attur kien itterminalu l-impjieg.[13]

---

[11] Ara x-xhieda ta' Joseph Pace a *fol.* 125 tal-process
[12] Ara Dok AS1 sa AS19 a *fol.* 32 u Dok TA2 a *fol.* 65 tal-process
[13] Ara l-affiavit tal-konvenut a *fol.* 148 u x-xhieda tieghu a *fol.* 195 tal-process

viii. In kontro-ezami, ix-xhud qal li kien hemm okkazzjoni fejn kien talab lill-attur sabiex oltre n-numru tat-telefon tal-iskola tal-attur, fuq il-vettura jwahhal ukoll in-numru tac-cellulari tieghu u li l-attur ma riedux jaghmel dan. Xehed ukoll li kien beda jissottometti l-applikazzjonijiet ghall-ezamijiet tal-istudenti hu direttament ma' Transport Malta u mhux tramite l-attur ghaliex kien ircieva lmenti minghand studenti li kienu qeghdin idumu biex jircievu d-data tal-ezami. Spjega li kien hemm okkazzjoni fejn meta ghamel verifika ma' Transport Malta kien irrizultalu li l-attur ma kienx issottometta l-applikazzjoni. Xehed li huwa sar jaf li ma kienx ghadu registrat mal-Awtorita' taht l-iskola tal-attur tramite ufficjal ta' Transport Malta. Spjega wkoll li l-formoli ghall-bidla tal-iskola tas-sewqan gew sottomessi ghaliex l-istudenti riedu li jkompli jghallimhom hu.

ix. In ri-ezami, il-konvenut xehed li l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien jistipola li jekk huwa jittermina l-ftehim jew jaghmel isem hazin lill-iskola kellu jhallas €2,000 lill-attur, u li f'kaz li l-ftehim jigi tterminat mill-attur l-€2,000 kellu jhallashom l-attur lilu. Qali li ghalkemm il-ftehim kien gie terminat mill-attur, huwa kien ghazel li ma jitlobx dan il-hlas lill-attur.[14]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' €2,000 in konnessjoni ma' skrittura privata ta' "Franchise" datata 27 ta' Gunju 2009.

8. Da parti tieghu l-konvenut laqa' ghat-talba tal-attur billi ecepixxa li preliminarjament ir-rikorrent ghandu jindika liema mill-kundizzjonijiet imnizzla fl-iskrittura gew miksura, li huwa dejjem osserva l-kundizzjonijiet tal-ftehim u li l-impjieg tieghu gie terminat mill-attur. Bit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut ecepixxa wkoll li f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg il-principal ma jistax izomm lill-impjegat milli jahdem f'xoghol fl-istess qasam ghal zmien twil u eccessiv.

[14] Ara l-kontro-ezami u r-ri-ezami tal-konvenut a *fol*. 330 tal-process

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – L-attur ghandu jindika liema kundizzjonijiet gew miksura</u>*

9. Fir-rikors promotur l-attur jippremetti li t-talba tieghu qeghda ssir in konnessjoni ma' skrittura privata datata 27 ta' Gunju 2009. Permezz ta' nota prezentata fl-4 ta' Mejju 2012,[15] l-attur indika li l-konvenut kien kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim ghaliex (i) naqas li jwahhal u jirreklama fuq il-vettura t-tabella li kien fornih biha l-attur, (ii) naqas li jhallas dak dovut lilu skond il-kuntratt, u (iii) opera u kkompeta mieghu bi ksur tat-tielet kondizzjoni.

10. In vista ta' din in-nota, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet sorvolata u ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*<u>Il-Mertu</u>*

11. L-azzjoni tal-attur hija mibnija fuq il-pretensjoni li skond l-iskrittura privata datata 27 ta' Gunju 2009, il-konvenut kien intrabat b'numru ta' kundizzjonijiet, u li b'diversi azzjonijiet mwettqa minnu, l-konvenut kiser l-obbligazzjonijiet li kien marbut bihom f'dik l-iskrittura. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur spjega li minhabba f'hekk, il-konvenut inkorra penali ta' €2,000 kontemplata fl-istess skrittura, liema somma tifforma l-ammont pretiz minnu f'din il-kawza.

12. L-artikolu 1118 tal-Kodici Civili jistipola li "*Il-klawsola penali hija dik li biha wiehed, sabiex jizgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jesegwih."* Ghalhekk l-iskop tal-klawsola penali hu sabiex parti tassikura l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta mill-kontro-parti. L-artikolu 1122 tal-istess Kodici jaghti s-setgha lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali biss f'dawk ic-cirkostanzi partikolari mahsuba fl-istess artikolu, u dan sabiex jigi rispettat il-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom.

[15] Ara n-nota a *fol.* 9 tal-process

13. Il-Qorti tirrileva li l-attur baqa' ma pprezentax kopja tal-iskrittura privata datata 27 ta' Gunju 2009 fl-atti ta' din il-kawza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur donnu li rrealizza b'dan in-nuqqas ghaliex jaghmel referenza ghal dan il-fatt.[16] Izda minkejja li jghid li qieghed jannetti kopja tal-iskrittura privata man-nota ta' sottomissjonijiet, fir-realta' ma' din in-nota ma gie esebit ebda dokument, u dan il-Qorti qed tghidu minghajr ma tidhol fil-kwistjoni jekk l-attur setghax jesebixxi dokument gdid fi stadju daqshekk inoltrat tal-kawza.

14. Minn dan isegwi li l-atti huma neqsin minn prova essenzjali li setghet u kellha tigi prodotta sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tivverifika x'kienu effettivament il-kundizzjonijiet li l-attur qieghed jallega li gew miksura mill-konvenut, u x'kienu l-konsegwenzi mahsuba fl-istess ftehim ghal dan l-allegat ksur. Dan id-dokument, li kien fil-pussess tal-attur, huwa importanti ghaliex kien juri l-mod kif mill-bidu l-partijiet irregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Minn ezami ta' dik l-iskrittura, il-Qorti setghet tikkunsidra jekk it-talba tal-attur timmeritax li tigi milqugha, u konsegwentement jekk il-konvenut ghandhux jigi ikkundannat ihallas il-penali.

15. Bil-kemm huwa mehtieg li jinghad li l-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, u dan kemm ghab-bazi tal-massima illi "*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*", u fuq kollox ghaliex hekk jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili. Ghalkemm il-prova dokumentarja mhijiex l-unika mezz li bih tista' ssir prova ta' fatt, ghaliex dan jista jigi ppruvat bix-xhieda u bi provi ohra indiretti, dan ma kienx kaz li fih xi cirkostanzi partikolari u specjali bhal meta l-prova dokumentarja ma tkunx tista' ssir. Huwa minnu li kull kaz ghandu jigi meqjus fuq il-mertu u l-fattispecie partikolari tieghu u li l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu fuq it-totalita' tal-provi, madankollu mhuwiex kompitu tal-Qorti li tissuplimenta l-karenzi probatorji tal-partijiet.

16. Il-fatt wahdu li l-konvenut ma jinnegax l-ezistenza tal-iskrittura privata u lanqas li din kienet tikkontempla penali fl-ammont mitlub mill-attur,[17] ma jaghmilx tajjeb ghan-nuqqas tal-attur li jipproduci fl-atti kopja tal-iskrittura *de quo*, anke fid-dawl tal-fatt li sa

[16] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur a *fol*. 348 tal-process
[17] Ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-konvenut in ri-ezami a *fol*. 344 tal-process

mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, il-konvenut kien qieghed jikkontesta li f'dan il-kaz skatta fil-konfront tieghu l-obbligu tal-hlas ta' din il-penali.

17. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur lahaq l-oneru inkombenti fuqu li jipprova l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligazzjonijiet tieghu skond it-termini tal-iskrittura privata, u li dak in-nuqqas skatta l-obbligu fuq il-konvenut li jhallas il-penali mitluba. Tali prova kellha ssir b'mod konvincenti u konklussiv, u ladarba dan ma sehhx il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li f'dan il-kaz ghandha taddotta l-principju "*actor non probante, reus absolvitur*".

18. In vista ta' din il-konkluzjoni, ikun inutli ghal din il-Qorti tinoltra ruhha fir-rimanenti eccezzjonijiet tal-konvenut.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, stante li din giet sorvolata;

    2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut;

    3. Tichad it-talba tal-attur.

20. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandu jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**